MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru 934/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Michael John Galdes**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael John Galdes, iben Carmelo w Anna nee' Pace, imwieled Pieta' fit-2 ta' Marzu 1983 u residenti St. Joseph, Flt. 1, D. Fumicelli Str, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 151083(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-24/6/10, ghall-habta tal-11.15am, fl-Msida,

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBC759 tal-marka Volkswagen, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghas-somma ta' €219.48c.

2) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

3) Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika

4) Hebb kontra l-persuna ta' Carmel Friggieri, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara

5) Ingurja jew hedded lil Carmel Friggieri, jew jekk ipprovokat, ingurjah b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

6) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Carmel Friggieri, wegghu bi kliem, b'gesti b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor

Rat li fis-seduta ta' llum l-partijiet iddikjaraw li huma ttransigew il-pendenzi bejniethom u l-parti civili qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u qed jaghzel li ma jixhidx stante li jista' jinkrimina ruhu.

Stante r-rinunzja da parti tal-parte civile, il-Qorti tiddikjara l-procesdiment ezawrit in kwantu jirrigwarda r-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt(6) akkuza.

Peress li l-ewwel(1), it-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza kif dedotti ma jirrizultax pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi, tillibera lill-imputat mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------